MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2006

Appell Civili Numru. 66/1999/5

**Wara s-sentenza tas-16 ta' April 2004**
**fil-kawza Cit. Nru. 66/1999/3 fl-ismijiet:**

**Tabone Computer Centre Ltd.**

**v.**

**Direttur tat-Telegrafija Minghajr Fili**
**u l-Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti:**

**B'citazzjoni** pprezentata fit-12 ta' Jannar, 1999 is-socjeta` attrici talbet li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili:-

1. tiddeciedi u tiddikjara illi l-VSAT – *satallite transmitter & receiver equipment for data/I.P.* kif ukoll *dish/aerial* relattiv fuq imsemmija huma konformi ma  dak li gie dikjarat fil-licenzja ta' importazzjoni u

2. tikkundanna konsegwentement lill-istess konvenut, l-Kontrollur tad-Dwana, sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss, jirrilaxxja l-apparat fuq imsemmi lill-attur billi dan ghandu dritt jimportah u juzah skond il-ligi u skond il-licenzja fil-pussess tieghu;

3. tiddikjara u tiddecidi illi l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur minhabba linadempjenza taghhom.

Talbet ukoll l-ispejjez u rriservat d-dritt ghal kull azzjoni ulterjuri lilha spettanti skond il-ligi.

**B'nota ta' l-1 ta' Frar 1999 l-konvenuti eccepew illi:-**

1. Preliminarjament illi l-Kontrollur tad-Dwana m'huwiex il-legittimu kontradittur ghal din il-kawza u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress illi fl-azzjoni ma huwa qed jigi attribwit ebda abbuz jew nuqqas lilu.

2. Illi l-pretensjoni fis-sens illi d-Direttur tat-Telegrafija minghajr Fili irrifjuta li jispezzjona l-apparat importat hija nfondata peress illi ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar l-apparat x'inhu.

3. Illi tezisti l-impossibilita` legali tat-twettiq ta' dak mitlub fic-citazzjoni u l-causa illecita ta' l-azzjoni u dan billi l-attur ma ghandu ebda licenzja biex izomm l-apparat in kwistjoni fil-pussess tieghu u ghalhekk huwa ma jistax jiehdu fil-pussess tieghu billi jizdoganah.

4. Illi t-talba ghall-hlas tad-danni, anki kif redatta mis-socjeta` attrici stess, ma tinkwadrax ruhha fil-parametri ta' l-Artikolu 469A(5) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u

Procedura Civili u hija wkoll infondata u ghandha tigi respinta.

5. Illi t-talbiet tas-socjeta` attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-agir tal-konvenuti fil-kwistjoni huwa skond il-ligi.

**Kwistjonijiet Kostituzzjonali**

It-talba ghas-sejha ta’ l-Avukat Generali fil-kawza *sabiex ikun jista` jikkontesta kwistjonijiet Kostituzzjonali msemmija fis-seduta ta’ l-24 ta’ Mejju, 1999, u b’nota tas-27 ta’ Mejju, 1999.*” giet michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici billi konformement ma’ dak li ntqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali in re Angelo Spiteri vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et fis-16 ta’ April, 1999, gia la darba l-Avukat Generali ma kienx parte in causa “*il-procedura kostituzzjonali kellha necessarjament tkun separata u distinta minn dik li fiha jkun qed jigi investigat il-mertu ta’ gurisdizzjoni ordinarja.*” B’dana kollu fl-imsemmi provvediment l-ewwel Qorti hasset il-bzonn li tippuntwalizza li “*dan ma jfissirx li l-Qorti, meta tqis il-meritu tal-kawza tallum, ma ghandhiex tqis ukoll id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fonadmentali tal-Bniedem, bhal ma tqis kull parti ohra relevanti ta’ kull ligi fis-sehh f’Malta, jew li ma ghandhiex tinterpreta l-ligi ordinarja fid-dawl ta’ dawk id-dispozizzjonijiet. Dan izda taghmlu f’din il-kawza bhal f’kull kawza ohra ghax hija Qorti ta’ Malta u ghalhekk tqis illigijiet kollha ta’ Malta li jolqtu l-kaz, u ghal dan il-ghan ma hux mehtieg li l-Avukat Generali jkun parti fil-kawza.”*

**Is-sentenza appellata.**

Fit-2 ta’ Gunju, 2000 il-Prim’Awla tal-Qorti Civili ddisponiet mit-talbiet attrici billi fi kliem l-istess sentenza “taqta’ l-kawza billi tghid illi s-socjeta` attrici ghandha licenzja biex izzomm u thaddem l-apparat imsemmi fic-citazzjoni, u ghalhekk tilqa’ t-tieni talba billi tikkundanna lill-konvenut Kontrollur tad Dwana biex ihalli lis-socjeta` attrici tiehu

dan l-apparat li jinsab f'idejh, wara li tkun hallset id-dazju relativ jekk ikun il-kaz.

Billi n-nuqqas tal-konvenut Direttur tat-Telegrafija minghajr Fili biex jaghti l-permess li tinghata l-merkanzija ma kienx gustifikat, u cahhad lis-socjeta` attrici mill-uzu ta' l-apparat, hu ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni li sofriet is-socjeta` attrici minhabba dan in-nuqqas, u ghalhekk il-Qorti tilqa' t-tielet talba safejn maghmula kontra d-Direttur tat-Telegrafija minghajr Fili, izda tichadha safejn maghmula kontra l-Kontrollur tad-Dwana."

**Kien hemm d-diversi appelli minn din is-sentenza u cjoe:**

**A. L-appell tad-Direttur tat-Telegrafija Minghajr Fili.**
**B. L-appell tal-Kontrollur tad-Dwana.**
**C. L-appell tal-Maltacom p.l.c. bhala terz interessat.**

**Fir-risposta taghha ghat-tlett appelli** s-socjeta` attrici appellata fl-ewwel lok eccepiet in-nullita ta' l-appelli "*stante li dawn l-appelli jinkwadraw ruhhom f'appelli li jaqghu taht l-gurisdizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali u dan a tenur tal- Artikolu 95 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*"

**Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell**

Il-Qorti ta' l-Appell kienet ezaminat l-eccezzjoni tan-nullita` ta' l-appelli sollevata mis-socjeta` attrici. Hi kienet irriteniet li din il-kwistjoni ghandha tiehu precedenza fuq kull aspett iehor tal-kawza f'dak l-istadju tal-proceduri ghax jekk l-eccezzjoni hija valida hi ma ghandhiex u ma tistax tiehu konjizzjoni tal-kwistjonijiet l-ohra sollevati.

Il-Qorti ta' l-Appell kienet irriteniet li l-Kostituzzjoni tipprovdi ghall-eventwalita` bhal dik prezenti billi fil-proviso ghallparagrafu (f) tas-subArtikolu (2) ta' l-Artikolu 95 jinghad li f'kaz ta' sitwazzjoni mista bhalma tissemma' fil-paragrafu (f), ikun permess ukoll li jingieb appell separatament quddiem il-Qorti ta' l-Appell, dan naturalment fuq materja li tkun fil-gurisdizzjoni tal-istess Qorti . Ghalhekk meta sentenza tal-Prim'Awla tkun

ikkunsidrat kemm materja ta' ligi ordinarja kif ukoll kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali jew konvenzjonali, il-parti sokkombenti tista`, jew tressaq l-appell taghha quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u titlob li dik il-Qorti tiddecidi mhux biss fuq kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali jew konvenzjonali izda wkoll fuq kull haga ohra deciza mill-ewwel Qorti, jew alternattivament tressaq appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali limitatament ghal dawk il-kwistjonijiet prettament ta' natura kostituzzjonali jew konvenzjonali u appell iehor, mill-istess sentenza, quddiem il-Qorti ta' l-Appell.

Fil-kaz in ezami s-sentenza tal- Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-2 ta' Gunju, 2000 filwaqt li, b'applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni tal-kuntratti, ddikjarat li s-socjeta` attrici ma kellhiex dritt, skond il-licenzja mahruga f'isimha, li izzomm l-apparat li kienet importat u ghalhekk ma setghetx takkorda it-tieni talba fic-citazzjoni fuq din il-bazi, l-istess Qorti waslet biex akkordat it-tieni talba attrici billi kkundannat lill-Kontrollur tad-Dwana jirrilaxxa l-apparat in kwistjoni fuq konsiderazzjoni ta' natura prettament konvenzjonali – l-applikabilita` ta' l- Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Il-Qorti ta' l-Appell kienet iddecidiet li f'dawk ic-cirkostanzi kull appell interpost kellu jitressaq quddiem il-Qorti Kostituzzjonali jew, permezz ta' zewg appelli separati, quddiem dik il-Qorti u l-Qorti ta' l-Appell, sabiex fit-tieni eventwalita` kull Qorti tikkunsidra u tiddecidi l-parti tas-sentenza li taqa' taht il-gurisdizzjoni taghha. Dan ma sarx billi l-appelli tressqu quddiem il-Qorti ta' l-Appell bhala Qorti ta' gurisdizzjoni ordinarja li ma tistax tiehu konjizzjoni ta' materja ta' natura kostituzzjonali jew konvenzjonali li tifforma l-bazi fis-sentenza ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici. Ghalhekk il-Qorti ta' l-Appell iddikjarat li l-appelli kienu nulli.

**Rikors ghar-ritrattazzjoni tad-Direttur tat-Telegrafija Minghajr Fili u tal-Kontrollur tad-Dwana.**

Il-konvenuti Direttur tat-Telegrafija Minghajr Fili u tal-Kontrollur tad-Dwana talbu t-thassir tas-sentenza tal-Qorti

ta' l-Appell tas 16 ta' April 2004 u r-ritrattazzjoni ta' l-istess kawza a bazi tal-paragrafi (e), (f) u (h) ta' l-Artikolu 811 tal-Kap 12 ghar-raguni li l-Qorti ta' l-Appell iddikjarat nulli l-appelli taghhom billi saru fil-Qorti ta' l-Appell u mhux fil-Qorti Kostituzzjonali meta l-ewwel Qorti ma kienitx ittrattat u ddecidiet il-kawza bhala wahda Kostituzzjonali fit-termini ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew ta' l-Artikolu 4 ta' l-att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja izda kienet espressament iddecidietha bhala kawza ordinarja fuq talba b'citazzjoni.

L-applikazzjoni hazina tal-ligi – Art 811(e)

Ir-rikorrenti jirritjenu li l-Qorti ta' l-Appell applikat il-ligi hazin billi ma kelliex tapplika l-Artikolu 95 tal-Kostituzzjoni imma l-Artikolu 34 tal-Kap 12 li jghid li : "Hlief meta jkun hemm provdut mod iehor f'dan il-Kodici jew f'kull ligi ohra, mis-sentenzi tal Prim Awla tal-Qorti Civili jista' jsir appell lill Qorti ta' l-Appell.

Ir-rikorrenti rriferew ghall gurisprudenza dwar dak li huwa illum l-Artikolu 95 tal-Kostituzzjoni minn fejn jirrizulta ili ebda wahda minn dawn is-sentenzi ma ddeciediet li appell f'kawza mibdija b'citazzjoni li sar lill Qorti ta' l-Appell kien null.

Ir-rikorrenti ssottomettew li l-Qorti ta' l-Appell injorat il-fatt li l-appelli minn decizjonijiet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili skond l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni li huma imsemmija bhala li jaqghu fil-gurisdizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali skond il-paragrafu (c) tas-subArtikolu (2) ta' l-Artikolu 95 tal-Kostituzzjoni huma biss l-appelli minn proceduri mibdija b'rikors skond l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew b'rikors skond l-Artikolu 4 tal-Kap 319. Ghalhekk meta applikat din id-disposizzjoni ghal kawza mibdija b'citazzjoni taht id-dritt ordinarju hi applikat hazin il-ligi u dana irrispettivament mill-kwistjoni dwar jekk il-kawza b'citazzjoni gietx deciza abbazi ta' argumenti ta' punti ta' natura ta' drittijiet fondamentali jew le. Il-Qorti Kostituzzjonali ma tislitx il-gurisdizzjoni taghha mis-sustanza ta' l-argumenti dibattuti izda mill-procedura u l-forma uzata altrimenti tigi krejata sitwazzjoni ta' incertezza ta' dritt fejn malli jissemma xi dritt li jista' jkun inkwadrabbli

bhala dritt fondamentali tigi introdotta konfuzjoni fejn wiehed jista jappella.

Illi l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 tal Kap 319 jirreferu ghal procedura specjali b'rikors u dina l-procedura hija "bla hsara ghal kull azzjoni ohra dwar l-istess haga li tkun tista' ssir legalment" u dan ifisser li mhux eskluz (bhal ma eskludiet is-sentenza tas- 16 ta' April 2004) illi ghar-rivendika ta' drittijiet fondamentali wiehed isib ir-rimedju permezz ta' azzjonijiet ordinarji. Fil-fatt il-Prim' Awla fis-sentenza taghha tat 2 ta' Gunju 2000 u fid-digriet taghha precedenti ital 5 ta' Novembru 1999 qieset illi legalment setghet tikkunsidra punti dwar drittijiet tal-bniedem f'kawza ordinarja u dan kien konformi mal-gurisprudenza precedenti u ma' l-istess Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u 4 tal-Kap 319.

<u>Decizjoni fuq haga mhux inkluza fit-talba – Art 811 (f) Kap 12</u>

Ir-rikorrenti issottomettew li s-sentenza tas-16 ta' April 2004 meta ttrattat il-kawza bhala li saret bil-procedura specjali ddecidiet kawza li ma kelliex quddiemha u li ma kienitx fit-talba.

<u>Sentenza kuntrarja ghas-sentenza ohra ta' qabel, deciza bejn l-istess partijiet, fuq l-istess oggett – Art 811 (h) tal-Kap 12.</u>
Kemm is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat 30 ta' Marzu 1999 u d-degriet tal-Prim' Awla tal 5 ta' Novembru 1999, li ghaddew in gudikat, kienu ddecidiew li l-kawza ma kinitx wahda klassifikabbli taht il-procedura specjali kontemplata fl-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew 4 tal Kap 319 u ghalhekk il-Qorti ta' l-Appell ma setghetx tiddeciedi mod iehor.

**Risposta ta' Tabone Computer Centre Limited.**

Tabone Computer Centre Limited irrispondew li t-talba ghar-ritrattazzjoni hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda stante li l-ebda wahda mir-ragunijiet

ghar-ritrattazzjoni ma tissussisti u huma kompletament bla bazi.

Applikazzjoni hazina tal-ligi

Ir-rit jirritjenu li dak li qed jilmentaw minnu r-rit fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ma hiex applikazzoni hazina tal-ligi imma interpretazzjoni tal-ligi. Il-gurisdizzjoni tal-Qorti ta' l-Appell kien il-punt li gie dibattut u deciz mill-Qorti ta' l-Appell. Dak li qed jigi attakkat huwa l-esercizzju interpretattiv li ghamlet il-Qorti biex waslet ghad-decizjoni taghha. Ir-rit jissottomettu li l-interpretazzjoni li waslet ghaliha l-Qorti ta' l-Appell hija dik korretta.

Ultra petita

Il-Qorti ta' l-appell kull ma ghamlet kien li ddecidiet eccezzjoni sollevata mill-appellati u bl-ebda mod ma ddecidiet affarijiet li ma kienux tqajmu jew ma gewx trattati.

Res Judicata

Ir-rit issottometta li huwa stramb kif ir-rit issa jippretendi li hemm konflitt bejn is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fuq il-punt ta' gurisdizzjoni u dik precedenti dwar materja li ma kienitx specifikatament dwar il-gurisdizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali.

**Konsiderazzjonijiet**

Talba ghar-ritrattazzjoni a bazi ta' l-Artikolu 811(e) Kap 12

Illi l-procedura tar-ritrattazzjoni hija procedura eccezzjonali li tista' tigi akkordata biss fil-kazijiet espressament imsemmija fl-Artikolu 811 tal-Kap. 12, u kif dawn il-kazijiet gew b'mod ristrett hafna interpretati mill-Qrati taghna.

L-Artikolu 811 jiddisponi li "*Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell tista', fuq talba ta' wahda mill-*

*partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza*"

Fis-subinciz (e) ta' l-istess Artikolu nsibu bhala wahda mir-ragunijiet ghar-ritrattazzjoni
"*jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin;*".

B'titolu ta' kjarifika ghall-kawzali imsemmija fil-paragrafu (e) il-ligi tispjega li meta titressaq talba ghar-ritrattazzjoni bazata fuq dan aggravju ghandu:

"*jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi*, *fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni.*"

Fil-kuntest ta' din il-kawzali mressqa bhala raguni ghal talba ta' ritrattazzjoni nsibu li l-Artikolu 816 tal-Kap 12 jrid li

"*meta r-raguni* (ghar-ritrattazzjoni) *hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi, l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata.*"

Japplika ghall-kaz odjern dak illi qalet dina l-Qorti, diversament komposta, fis-segwenti silta mis-sentenza taghha tat-tlieta (3) ta' Gunju, 1994 fil-kawza fl-ismijiet *Reginald Micallet et noe. vs. Godwin Abela et noe.* ghar-rigward ta' l-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12:

"… biex jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas jistghu jigu vvalutati jew interpretati b'mod iehor, ghajr kif gew ivvalutati u interpretati fis-sentenza attakkata. Ikun hemm lok ghar-rittrattazzjoni fuq dan il-motiv jekk, fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw ippruvati, ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi flok dispozizzjoni ohra li kellha proprjament tigi applikata. Jekk jirrizulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-ligi korretta ghall-fatti tal-kaz, xorta wahda ma hemmx lok ghal

ritrattazzjoni fuq il-motiv tas-subinciz (e) nonostante li l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti lil dik il-ligi tkun skorretta. Biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-ligi l-hazina ghall-kaz, u mhux li applikat il-ligi t-tajba b'mod hazin" . (Ara AIC Joseph Barbara vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici App 17/2/2003; Appell 5 ta' Ottubru 2001 fl-ismijiet Guido J. Vella A&CE v. Dottor Emanuel Cefai LL.D. App. 27/3/2003; Commonwealth Educational Society Limited v. Adriana Camilleri App. 2/6/2003; u Charles Michael Gauci v. Alfred Vella pro et noe et App. 10/10/2003).

**Kontestazzjonji**

Il-Qorti ta' l-Appell kienet qablet mas-socjeta`attrici li l-appelli interposti mill-konvenuti kienu nulli in kwantu dawn jinkwadraw ruhom f'appelli li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali taht l-Artikolu 95 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mhux taht il-gurisdizzjoni tal-Qorti ta' l-Appell.

Ir-rikorrenti ritrattandi f'dina l-istanza qed jirritjenu li l-Qorti ta' l-Appell applikat il-ligi hazina ghall fatti tal-kaz billi ma kienx japplika l-Artikolu 95 tal-Kostituzzjoni imma l-Artikolu 34 tal-Kap 12 li jipprovvdi li : *"Hlief meta jkun hemm provdut mod iehor f'dan il-Kodici jew f'kull ligi ohra mis-sentenzi tal Prim Awla tal-Qorti Civili jista' jsir appell lill Qorti ta' l-Appell".* ( Il-proviso li llum hemm ma' dana l-Artikolu ma kienx fis-sehh qabel Settembru 2004. Ir-rikors odjern gie introdott fit 13 ta' Lulju 2004.).

**Tikkunsidra**

Fil-kaz in ezami l-ewwel Qorti (Prim' Awla) ma kienitx ittrattat u ddecidiet il-kawza bhala kawza Kostituzzjonali fit-termini ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew ta' l-Artikolu 4 ta' l-att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja izda kienet espressament iddecidietha bhala kawza ordinarja mfassla fuq talba b'citazzjoni. Hi kienet irriservat li meta tqis il-meritu tal-kawza tqis ukoll id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem, bhal ma

tqis kull parti ohra relevanti ta' kull ligi fis-sehh f'Malta. Ghal dik ir-raguni l-Avukat Generali kien thalla barra mill-kawza u b'hekk ma kkontestax l-ilmenti ta' natura Kostituzzjonali msemmija fis-seduta ta' l-24 ta' Mejju, 1999 u b'nota tas-27 ta' Mejju, 1999. Ghalhekk il-procediment quddiem il-Prim'Awla kien miexi, meqjus u accettat mill-partijiet kollha fil-kawza bhala procediment ordinarju.

Inoltre kienet l-istess Qorti ta' l-Appell (komposta mod iehor), li fi stadju precedenti ghall-appell fil-mertu (30.3.1999) kienet diga' qieset li l-kawza ma kinitx wahda ta' natura Kostituzzjonali/Konvenzjonali, tant li kienet idderigiet lill-kumpanija attrici appellanti biex tavanza l-ilment taghha dwar ic-cahda tal-liberta taghha ta' l-espressjoni "in sede proprja" u meta dan sar il-Prim' Awla ddecidiet li thalli l-kawza miexja bhala wahda bi procedura ordinarja. Dan ifisser li n-natura ta' l-azzjoni attrici kif promossa baqghet dejjem wahda bi procediment ordinarju.

Il-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, Prim'Awla, kienu gew inizjati b'citazzjoni u fl-ebda stadju l-proceduri ma nbidlu f'proceduri taht l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 tal Kap 319. L-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u 4 tal-Kap 319 jipprevedu procedura specjali u f'dak il-kaz hu applikabbli l-Artikolu 95 tal-Kostituzzjoni meta jsir appell minn dawk il-proceduri. Izda dik l-procedura hija "bla hsara ghal kull azzjoni ohra dwar l-istess haga li tkun tista' ssir legalment". Dan ifisser li mhux eskluz (bhal ma eskludietx is-sentenza tas- 16 ta' April 2004) illi ghar-rivendika ta' drittijiet fondamentali wiehed jista' jkollu wkoll rimedju anke f'azzjonijiet ordinarji. Kif gja nghad, il-Prim' Awla, fis-sentenza taghha tat-2 ta' Gunju 2000 u fid-digriet taghha precedenti tal 5 ta' Novembru 1999 qieset illi legalment setghet tikkunsidra punti dwar drittijiet tal-bniedem f'kawza ordinarja u dan kien konformi mal-gurisprudenza precedenti (ara riferenzi fin-nota tar-rikorrenti) u ma l-istess Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 4 tal-Kap 319.

Ghalhekk meta il-Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza taghha tas-16 ta’ April 2004 applikat id-disposizzjoni ta’ l-Artikolu 95 tal-Kostituzzjoni ghal kawza mibdija b’citazzjoni taht id-dritt ordinarju hi applikat il-ligi hazina billi dana l-Artikolu ma kienx japplika imma kien japplika l-Artikolu 34 tal-Kap 12 li jipprovvdi li f’dak il-kaz l-appell kellu jsir qudiem il-Qorti ta’ l-Appell. Naturalment biex il-Qorti ta’ l-Appell applikat l-Artikolu 95 ghal fatti tal-kaz quddiemha bil fors kellha taghmel l-interpretazzjoni tieghu biex ikkonkludiet li dak l-Artikolu kien japplika u mhux xi Artikolu iehor, izda dak l-ezercizzju jsir dejjem, meta il-Qorti tiddeciedi x’ligi tapplika. Il-linja bejn interpretazzjoni ta’ ligi u l-applikazzjoni taghha m’hijiex wahda netta u distinta. L-applikazzjoni ta’ ligi hija x’aktarx r-rizultat ta’ l-interpretazzjoni taghha fil-kaz li jkun.

Il-kwistjoni quddiem il-Qorti ta’ l-Appell ma kinitx wahda ta’ interpretazzjoni ta’ l-Artikolu 95. Kif gew valutati u interpretati l-fatti fis-sentenza attakkata kellu japplika l-Artikolu 34 tal-Kap 12 u mhux l-Artikolu 95 tal-Kostituzzjoni. Ghalkemm il-fatti tal-kaz kienu kif tassew gew stabbiliti fis-sentenza li taghha qieghed jintalab it-thassir, il-Qorti ta’ l-Appell applikat disposizzjoni ta’ ligi minflok ohra li kienet tghodd ghall-kaz u li messha giet applikata.

L-Artikolu 34 tal-Kap 12 huwa suggett ghad-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 46 ta’ l-istess Kodici, izda jibqa’ hekk suggett sakemm jirrizulta (fost ohrajn) li tkun tapplika xi wahda mis-sitt cirkostanzi msemmija fl-Artikolu 95(2) tal-Kostituzzjoni. Fil-fehma ta’ dina l-Qorti, l-ebda wahda minn dawn ic-cirkostanzi ma kienet tapplika ghas-sentenza li taghha qed jtntalab ir-ritrattazzjoni. L-Artikolu 34 huwa car fih inniffsu ma kien jehtieg ebda interpretazzjoni ghall-applikazzjoni tieghu.

Stante li dina l-Qorti qed issib li hemm lok ghar-ritrattazzjoni taht l-Artikolu 811(e) mhux il-kaz li dina l-Qorti tmur oltre dan.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti;

Tordna li tigi mhassra s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-16 ta' April 2004 u dan a tenur ta' l-Artikolu 811(e) tal-Kap 12 u tordna illi l-kawza fl-ismijiet premessi terga' titqieghed fuq il-lista ghas-smiegh ghad-19 ta' April 2006 fin-12.30pm sabiex tigi ritrattata.

Spejjez riservati ghad-decizjoni finali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------